# In-Niċċa tal-Vara Titulari ta' Santa Marija

Iż-żmien jgħaddi minn fuq kollox u kulħadd, u għalhekk, kultant żmien, wieħed ikun irid jara x'hemm bżonn isir sabiex il-wirt li ħallewlna missirijietna nieħdu ħsiebu bl-aħjar mod possibbli. Is-sitwazzjoni tan-niċċa ta' Santa Marija ilha tinkwetana għal diversi snin.

Għalkemm il-ħsieb oriġinali kien li n-niċċa ta' Santa Marija ssir mill-ġdid, dan il-ħsieb tpoġġa fuq l-ixkaffa minħabba loġistika li ma kellniex kontroll fuqha, u li allura jagħmel aktar sens li nirrestawraw u nikkonservaw dak li diġà hemm minflok issir xi ħaġa ġdida. Nagħmluha ċara li dak li kien ser isir kien ta' livell għoli ħafna u li kien jixraq għall-vara titulari tal-Assunta.

Fir-risposta għar-rikors tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament dwar in-niċċa tal-vara titulari, il-Kurja Arċiveskovili għamlitha ċara li l-Fratellanza kellha tieħu l-miżuri kollha neċessarji u meħtieġa sabiex tiġi riżolta l-problema tal-umdità fl-intern tan-niċċa. Fid-dawl ta' dan il-Fratellanza ħasbet dwar x'għandu jsir u dan il-perjodu tal-pandemija tal-Covid-19 wassalna sabiex nibdew naġixxu.

Tajjeb jingħad li sakemm wasalna sal-punt tal-lum, kienu diġà saru numru ta' laqgħat ma' persuni midħla tar-restawr, esperti fl-injam u fil-ġebla, u dan sabiex id-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu infurmati u bbażati fuq il-proposti tal-esperti. Fl-aħħar ġie deċiż li l-panewijiet li kien hemm madwar in-niċċa minn ġewwa jinqalgħu.





Dawn kienu biċċiet tal-injam kbar, miksija bi drapp blu rqiq, li iżda kienu waslu biex jinbidlu. Apparti li l-induratura ta' magħhom bdiet tinqala' biċċa biċċa, bdejna ninnutaw li l-injam qed jitbewwaq, kif ukoll il-problema tal-umdità kienet waħda persistenti. Qabel ma nqalgħu l-panewijiet xtaqna li naqtgħu żewġt 'itwieqi' fl-injam innifsu sabiex naraw x'hemm wara, jekk hemmx xi ħaġa mal-ħajt, inkella jekk hemmx sinjali t'umdità qawwija. Is-sorpriża kienet li meta qtajna l-ewwel biċċa sibna li kien hemm speċi ta' 'damask' impitter mal-ħajt. Mit-tieni tieqa li ftaħna stajna naslu għall-konklużjoni li dan id-'damask' kien idawwar in-niċċa u allura tlabna laqgħa mal-esperti qabel inneħħu l-injam kollu. Flimkien ma' David Bugeja u Marie Camilleri, żewġ persuni mill-Qrendi li jaħdmu ma' Heritage Malta, ġie deċiż li jinqala' l-injam kif ukoll jinxtraw data loggers differenti sabiex jitpoġġew ġon-niċċa u barra minnha u jagħtuna riżultati aktar xjentifiċi.

L-injam tneħħa s-Sibt 24 t'April, 2021, bl-għajnuna tal-mastrudaxxa Reno Sacco, u b'hekk stajna naraw aħjar x'kien qiegħed idawwar in-niċċa. Mas-saqaf instab li kien hemm impitter l-Ispirtu s-Santu fuq sfond blu, biex jagħti impressjoni tas-sema.

L-isfortuna f'dan kollu s'issa kienet li ma nistgħux insibu dettalji ta' meta sar dan id-'damask' mal-ħajt tan-niċċa u meta tpitter l-Ispirtu s-Santu mas-saqaf. Mir-ritratti li għandna ma nistgħu naslu għall-ebda konklużjoni definita, għalkemm jidher li fl-1913 diġà kien eżistenti. Għaldaqstant, inħeġġu lil dawk li forsi għandhom xi ritratt tal-passat tan-niċċa ta' Santa Marija sabiex juruhulna, forsi nkunu nistgħu niġbru aktar informazzjoni.

Bħalissa l-Fratellanza għaddejja b'konsultazzjoni wiesgħa dwar x'l-aħjar li jsir f'dan ir-rigward. Hemm żewġ ħsibijiet prinċipali dwar dak li jista' jsir fuq ġewwa tan-niċċa.

1. Jiġi rranġat dak li nstab u n-niċċa terġa' lura għal li kienet qabel is-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor;
2. Dak li nstab jiġi kkonservat u fuqu jitwaħħlu panewijiet ġodda b'damask pulit li jkun jixraq lin-niċċa.

Hawnhekk nixtiequ wkoll l-opinjoni tagħkom. Napprezzaw jekk tavviċinawna u tgħidulna x'taħsbu, dwar jekk nirranġawx dak li sibna u nerġgħu nġibu n-niċċa kif kienet fil-passat, jew inkella għandniex nagħmlu panewijiet ġodda bid-damask fuqhom.

Barra l-opinjoni tagħkom qed nieħdu l-opinjoni ta' diversi esperti oħra, u dan sabiex nevalwaw x'inhu l-aħjar proċess li jsir sabiex inħarsu n-niċċa tal-vara titulari, u biex inħarsu l-vara nnifisha.

Tittieħed liema deċiżjoni tittieħed, hemm bżonn ammont sostanzjali ta' flus. Malli nkunu ċerti x'ser isir, nifformulaw skema ta' ġbir ta' flus ħalli dan il-proġett isir kif saru proġetti oħra matul is-snin. Il-Fratellanza lesta tilqa' wkoll donazzjonijiet mingħand benefatturi li jkunu jixtiequ jħallsu parti sostanzjali min-niċċa fuq ġewwa, imma dan kollu jkun spjegat aktar 'il quddiem meta tinħareġ l-iskema.

Min-naħa tagħna ngħidulkom grazzi bil-quddiem. Nafu li ser insibukom warajna għal dan il-proġett essenzjali minħabba n-niċċa tal-vara titulari, u nafu li tifhmu kemm qed nagħmlu minn kollox biex nieħdu ħsieb il-patrimonju li ħallewlna missirijietna.

Best Print Co. Ltd., Qrendi • Tel: 21 680 789